II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Lulju 2011

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja li jemenda l-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità, ċertifikati u mmarkar bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja

(2011/456/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima tal-konformità, ċertifikati u mmarkar bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja [1] ("il-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1999 [2].

(2) Fit-8 ta' Lulju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Awstralja bil-għan li jiġi emendat il-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku. In-negozjati kienu konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja li jemenda l-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità, ċertifikati u mmarkar bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja ("il-Ftehim") fi Brussell fit-23 ta' Ġunju 2009.

(3) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwixxiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja li jemenda l-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità, ċertifikati u mmarkar bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja ("il-Ftehim") huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim [3].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DOWGIELEWICZ

---

[1] ĠU L 229, 17.8.1998, p. 3 (Ħarġa Speċjali bil-Malti Kapitolu 11, Volum 29, p. 99).

[2] ĠU L 5, 9.1.1999, p. 74.

[3] It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.